RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 15**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Hamis 5 ta' Jannar 2012 fis-6.00 ta' filghaxija**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici Chairperson |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzata:**

Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea Membru

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Sur Paul Grech fetah il-laqgha billi wassal il-kondoljanzi lis-Sna. Joan Ann Farrugia Galea u l-familja taghha ghall-mewt ta' missierha. Hu qal li ma setghax jattendi ghal dan il-funeral minhabba ragunijiet ta xoghol.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A13**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A13 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti gew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A13

**2.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A14**



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

2.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A14 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Anglu Portelli. Il-minuti gew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A14

**3.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A13**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A13

**4.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A14**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A14

**5.00 Punti li johorgu mill-Minuti A13**

5.01 3.02 Is-Sur Anglu Portelli sahaq li l-fossa ghadha tfur kuljum. Il-Kumitat qabel li l-petizzjoni ghandha ssir. Ghandha tintbghat ittra lir-residenti kollha tal-Bahrija fejn ninfurmawhom li qed tigi ccirkolata petizzjoni. Fl-ittra ghandna naghtuhom id-dati minn meta sa meta se ddum iccirkolata. Din ghandha tithalla gimgha fil-Knisja u wara l-qassis javza li din ser tkun qed tigi ccirkolata fil-hwienet u ghaldaqstant kull min ma ffirmax jkun jista jsib kopja fil-hwienet u cioe ghand l-'ironmongery', fil-hanut tal-laham, fl-'istationery' u ghand tal-'grocer'. Din il-petizzjoni tista tigi ffirmata mir-residenti tal-Bahrija minn sittax –il sena 'l fuq. Petizzjoni dwar il-Fossa tal-Bahrija

5.02 3.03 Is-Sur Paul Grech qal li rega` tkellem ma' l-Inginier ta' l-Enemalta fejn infurmah li l-Korporazzjoni qed tahdem biex din il-problema tissolva. Vultagg tad-dawl baxx

5.03 4.01 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgha li l-Kunsill tkellem ma' sid din il-parti ta' Triq il-Gojjin u nfurmah li se jaghtina l-kunsens tieghu biex naghtuha l-konkos. Parti minn Triq in-Namura u Triq il-Gojjin

** Is-Sindku Alexander Craus dahal ghal-laqgha fis-18.25 hrs.

5.04 5.03 Is-Sna. Orietta Masini Cardona infurmat il-laqgha li t-Transport Traffic Calming

Malta irrispondew l-ittra li bghatnilhom, fejn qed jistaqsuna x'qed nissuggerixxu li jsir fi Triq is-Sajf ta' San Martin sabiex tigi kkontrollata l-velocita` eccessiva li qed jghaddu biha l-vetturi. Measures fi Triq is-Sajf ta' San Martin

5.04.1 Is-Sur Anglu Portelli ppropona li jsiru sinjali tal-parking f'Misrah Patri Martin Caruana sabiex il-karozzi jkollhom inaqqsu l-velocita` x'hin jaslu fil-Misrah peress li prezentament m'hemm l-ebda 'stop sign' u l-karozzi qed jibqghu ghaddejjin b'velocita` eccessiva mill-Misrah.

5.04.2 Is-Sindku Sandro Craus ser ikellem lill-Perit tal-Kunsill sabiex tlestielna 'sketch' ta' Misrah Patri Martin Caruana u ta' soluzzjonijiet ghal 'traffic calming measures' fi Triq is-Sajf ta' San Martin sabiex jintbghatu lit-Transport Malta.

**6.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv**

6.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgha li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni approva l-applikazzjoni taghna u l-progett se jigi ffinanzjat kollu mill-Gvern. Hija nfurmat il-membri prezenti li dan il-progett tlesta. Memo 55/2010

6.02 Is-Sna. Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgha li l-Iskola Primarja tal-Bahrija talbuna biex naghtu lill-iskola bi €800.00 f'kotba. Il-Kap ta' l-Iskola talbitna naghtuha risposta sal-21 ta' Dicembru 2011 u ghaldaqstant, peress li ma kienx hemm bizzejjed zmien biex tittella` waqt il-laqgha tal-KA, hija tellghatha ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li jinghatawlhom b'€800.00 peress li s-sena l-ohra tajnihom b'€1,100.00 li huwa ammont sostanzjali. Fir-Rabat ghandna tlett skejjel ohra u ghaldaqstant, ma nistghux nikkoncentraw fuq skola wahda biss. Ghaldaqstant, il-Kunsill qabel li naghtuhom donazzjoni ta' kotba, pero` f'ammont izghar. Il-Kumitat qabel. Donazzjoni ta' kotba lill-Iskola Primarja tal-Bahrija

**7.00 Komunikazzjoni mill-membri**

7.01.1 Is-Sindku Sandro Craus staqsa kif mexa l-process tal-festa ta' San Il-Festa ta' San Martin

Martin.

7.01.2 Is-Sur Paul Galea qal li l-access tat-triq principali inghalaq fl-10.00 a.m. kif kien miftiehem, pero` l-uniku access biex tohrog mill-Bahrija, u cioe` Triq il-Fiera kien maghluq bil-karozzi pparkjati llegalment. Importanti li sena ohra nigbdu l-attenzjoni tal-pulizija sabiex jaraw li dan l-access ikun miftuh u nigbdulhom l-attenzjoni wkoll dwar l-importanza li l-pulizija tkun stazjonata f'postijiet differenti u mhux jintefghu kollha f'post wiehed. Dan sabiex jigi evitat li jkun hemm kongestjoni tat-traffiku. Il-Kumitat qabel.

7.02 Is-Sur Paul Galea staqsa meta hemm ippjanat li Triq Landrijiet issir bit-tarmac. Is-Sindku Sandro Craus wiegbu li l-asfaltar tat-toroq qed isiru skond il-pjan ta' hidma ta' l-2009. — *Asfaltar ta' Triq Landrijiet*

7.03 Is-Sur Paul Galea talab biex titwahhal tabella bid-direzzjoni ghal-'Landrijiet'. Din ghandha titwahhal f'Bieb ir-Ruwa. — *Tabella tal-Landrijiet*

7.04 Is-Sur Paul Galea gibed l-attenzjoni li fi Triq il-Fiddien kien sar 'extensive patching' u s-sinjali tat-traffiku ma regghux saru. Is-Sindku qallu li ghandna nitolbu stima. — *Sinjali tat-Traffiku fil-Fiddien*

7.05 Is-Sur Anglu Portelli irrimarka dwar it-trinka li saret mill-kuntrattur fil-Landrijiet. Huwa sahaq li din ma saritx kif suppost. — *Trinka fil-Landrijiet*

7.05.1 Is-Sindku wiegbu li l-kuntrattur inghata l-ordni biex jaghmel it-trinka biss. Huwa nfurmah li qed isiru negozjati sabiex minnflok it-trinka biss, jaghmel il-kumplament tat-triq.

7.06 Is-Sur Anglu Portelli wera s-sodisfazzjon tieghu li f'dawn is-sena u nofs li ilu jaghmel parti mill-Kumitat Amministrattiv gew asfaltati Triq il-Kuncizzjoni, Triq is-Santi, Parti minn Triq in-Namura u Misrah Patri Martin Caruana. — *Apprezzament mis-Sur Anglu Portelli*

7.07 Is-Sindku Sandro Craus talab li tintbghat ittra lir-residenti ta' Triq ir-Rummien, Triq il-Mantell u l-parti li fadal fi Triq in-Namura fejn ninfurmawhom li dawn jaqghu taht ir-responsabbilita` tal-Gvern Centrali. Il-Kumitat qabel.

Triq ir-Rummien, Triq il-Mantell u parti minn Triq in-Namura

7.08 Is-Sur Anglu Portelli gibed l-attenzjoni li x-xoghol ta' manutenzjoni li sar mill-haddiema tal-Gvern wara l-maltempata ta' Novembru 2011 f'Fomm ir-Rih mhux sodisfacenti peress li l-konkos ma giex poggut sew.

Xoghol ta' manutenzjoni f'Fomm ir-Rih

7.09 Is-Sur Anglu Portelli gibed l-attenzjoni li waqa` bicca mill-hajt tal-playingfield.

Hajt imwaqqa`

7.10 Is-Sur Anglu Portelli rrimarka dwar il-fatt li l-widien ghadhom ma tnaddfux wara l-maltempata ta' Novembru 2011. Il-bdiewa qed isibuha difficli biex ikomplu bix-xoghol taghhom peress li hemm gebel kbir fil-wied u ma jistghux jghaddu minnhu. Huwa gibed l-attenzjoni li din tintuza bhala triq. Il-bdiewa jridu jahdmu u importanti li x-xoghol ta' tindif isir b'mod immejdat. Huwa sahaq ukoll li l-hamrija qed titlaq ma' l-ilma.

Tindif tal-Widien

7.10.1 Is-Sna. Orietta Masini Cardona infurmat il-laqgha li illum saret 'on-site visit' fuq il-post flimkien mal-perit Stephen Bonello, il-perit ta' l-MRRA, fejn gejna nfurmati li biex inaddfu l-wied iridu l-permess tal-MEPA.

7.11 Is-Sur Paul Galea talab li tiddawal aktar it-triq tal-Bahrija. Gie deciz li issir 'on-site visit' ma' l-Inginier ta' l-Enemalta, s-Sur Mark Anthony Bonello.

Talba biex tiddawl aktar it-Triq tal-Bahrija

7.12 Is-Sur Anglu Portelli talab li issir applikazzjoni ghal bozza gdida fi Triq ic-Canta. Il-Kumitat qabel.

Applikazzjoni bozza gdida

**8.00 Zviluppi dwar Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet taghhom**

8.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona infurmat il-laqgha li l-Bord tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien laqa` t-talba tal-KA sabiex minnflok Triq ir-Rummien isir Misrah Patri Martin Caruana. Huma tawna estensjoni ta' tlett xhur. Hija nfurmat il-laqgha li x-xoghol kien tlesta. Skema ta' Finanzjament

**9.00 Aggornament**

9.01 L-agenda giet ezawrita u l-laqgha ntemmet fis-7.30 p.m. Sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 8 ta' Frar 2012 fis-6.00 p.m. Aggornament

| | |
|---|---|
| **Paul Grech** | **Orietta Masini Cardona** |
| **Chairperson** | **Segretarju Ezekuttiv** |